MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru. 513/2008

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)
(Spettur Joseph Agius)

-vs-

John Xerri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra **John Xerri** ta' 37 sena iben John u Violet nee' Azzopardi imwieled Australia fis-27 ta' Novembru 1970, residenti gewwa fond b'numru 59, Triq San Frangisk, Hamrun detentur ta' karta ta' l-Idenita' bin-numru 23188(M).

U akkuzat talli fil-Hamrun, nhar l-10 ta' Gunju 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda

1. matul il-perijodu ta' bejn id-disa' u nofs ta' filghaxija (9:30PM) tat-18 ta' Gunju 2007 u s-seba' u ghoxrin ta' filghodu (07:20AM) tad-19 ta' Gunju 2007, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **FAJ 293** tal-marka Hyundai Accent liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57€ (mija u sittax-il Euro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (Hames mitt Lira Maltin) jew 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa` u sittin centezmu) ghad-detriment ta' **Lewis Camilleri** mill-Hamrun u dan bi ksur tal-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. matul il-perijodu ta' bejn it-tmienja ta' filghaxija (8:00PM) ta' l-1 ta' Lulju, 2007 u l-erba' u nofs ta' wara nofs in-nhar (04:30PM) ta' l-10 ta' Gunju 2008, f'erba` okkazzjonijiet indipendenti minn xulxin matul dawn id-dati, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **MPB 999** tal-marka VW Polo, liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57€ (mija u sittax-il Euro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (Hames mitt Lira Maltin) jew 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa` u sittin centezmu) ghad-detriment ta' **Maria Dolores Muscat** mill-Hamrun u dan bi ksur tal-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. matul il-perijodu ta' bejn l-ghaxra ta' filghaxija (10:00PM) tat-23 t'Ottubru, 2007 u s-siegha u kwart ta' wara nofs in-nhar (01:30AM) ta' l-24 t'Ottubru 2007, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **FAJ 293** tal-marka Hyundai Accent liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57€ (mija u sittax-il Euro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (Hames mitt Lira Maltin) jew 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa` u sittin centezmu) ghad-detriment ta' **Lewis**

**Camilleri** mill-Hamrun u dan bi ksur tal-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. matul il-perijodu ta’ bejn il-hamsa ta’ filghaxija (5:00PM) tat-23 t’Ottubru, 2007 u d-disa’ ta’ filghodu (09:00AM) ta’ l-24 t’Ottubru 2007, u f’zewg okkazzjonijiet ohra indipendenti minn dik imsemmija hawn fuq u minn xulxin, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **GBF 991** tal-marka Hyundai Accent, liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57€ (mija u sittax-il Euro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (Hames mitt Lira Maltin) jew 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa` u sittin centezmu) ghad-detriment ta’ **Vincenzo Tabone** mill-Hamrun u dan bi ksur tal-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. matul il-perijodu ta’ bejn il-ghaxra ta’ filghaxija (10:00PM) ta’ l-4 ta’ Novembru, 2007 u s-siegha u nofs ta` wara nofs in-nhar (01:30PM) tal-5 ta’ Novembru 2007, u f’xi okkazzjonijiet ohra indipendenti minn dik imsemmija hawn fuq u minn xulxin, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **JBG 639** tal-marka Kia, liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57€ (mija u sittax-il Euro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (Hames mitt Lira Maltin) jew 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa` u sittin centezmu) ghad-detriment ta’ **Arthur Portelli** mill-Hamrun u dan bi ksur tal-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. matul il-perijodu ta’ bejn il-hamsa ta’ filghaxija (5:00PM) tas-27 ta’ Jannar 2008, u s-siegha u hames minuti ta` wara nofs in-nhar (01:05PM) tat-28 ta’ Jannar 2008, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **DBG 234** tal-marka Opel Corsa, liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57€ (mija u sittax-il Euro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (Hames mitt Lira

Maltin) jew 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa` u sittin centezmu) ghad-detriment ta’ **Josephine Abela** mill-Hamrun u dan bi ksur tal-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. matul il-perijodu ta’ bejn il-ghaxra u kwart ta’ filghaxija (10:15PM) tal-5 ta’ Mejju 2008, u s-siegha u kwart ta` wara nofs in-nhar (01:15PM) tas-6 ta’Mejju 2008, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **DBG 234** tal-marka Opel Corsa, liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57€ (mija u sittax-il Euro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (Hames mitt Lira Maltin) jew 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa` u sittin centezmu) ghad-detriment ta’ **Josephine Abela** mill-Hamrun u dan bi ksur tal-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. matul il-perijodu ta’ bejn is-saghtejn u nofs ta’ wara nofs in-nhar (2:30PM) tas-7 ta’ Mejju 2008, u s-sitta u nofs ta’ filghaxija (06:30PM) tas-7 ta’Mejju 2008, u f’xi okkazzjonijiet ohra indipendenti minn dik imsemmija hawn fuq u minn xulxin, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **AAJ 279** tal-marka Skoda, liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57€ (mija u sittax-il Euro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (Hames mitt Lira Maltin) jew 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa` u sittin centezmu) ghad-detriment ta’ **Mario Vassallo** mill-Hamrun u dan bi ksur tal-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. matul il-perijodu ta’ bejn it-tmienja ta’ filghaxija (8:00PM) tal-5 ta’ Gunju 2008 u d-disa’ u nofs ta’ filghodu (09:30AM) tas-6 ta’ Gunju 2008, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **FAJ 293** tal-marka Hyundai Accent, liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57€ (mija u sittax-il Euro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn

Lm500 (Hames mitt Lira Maltin) jew 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa` u sittin centezmu) ghad-detriment ta' **Lewis Camilleri** mill-Hamrun u dan bi ksur tal-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. matul il-perijodu ta' bejn is-sitta ta' filghaxija (6:00PM) tad-9 ta' Gunju, 2008 u s-sitta ta' filghodu (06:00AM) ta' l-10 ta' Gunju 2008, u f'zewg okkazzjonijiet ohra indipendenti minn dik imsemmija hawn fuq u minn xulxin, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **LAI 912** tal-marka Ford Escort, liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57€ (mija u sittax-il Euro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (Hames mitt Lira Maltin) jew 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa` u sittin centezmu) ghad-detriment ta' **Spiridione Damato** mill-Hamrun u dan bi ksur tal-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. matul il-perijodu ta' bejn il-hdax u nofs ta' filghaxija (11:30PM) tad-9 ta' Gunju, 2008 u t-tmienja u nofs ta' filghodu (08:30AM) ta' l-10 ta' Gunju 2008, u fi tlett okkazzjonijiet ohra indipendenti minn dik imsemmija hawn fuq u minn xulxin, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni **ROM 485** tal-marka Toyota Vitz, liema hsara hija iktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew 116.57€ (mija u sittax-il Euro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (Hames mitt Lira Maltin) jew 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa` u sittin centezmu) ghad-detriment ta' **Romina Camilleri** mill-Hamrun u dan bi ksur tal-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 18 u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti ikkunsidrat ic-cirkostanzi li wasslu lill-imputat biex agixxa b'dan il-mod, il-fatt li huwa diga fittex ghajnuna professjonali ghall-problemi li ghandu, il-koperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali ta' l-imputat li hija kwazi netta.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax tinjora n-natura tar-reati u li l-imputat kkawza hsara fi tmien vetturi.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 18 u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigi sospiz ghal perjodu ta' tlett (3) snin. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28G tal-Kap 9 il-Qorti qed tpoggi lill-hati taht ordni ta' supervizjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28G jekk ma jikkonformax ruhu ma' l-ordni ta' supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficcjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati John Xerri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------